MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 401/2007

**A *sive* A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentatat fil-15 t'Ottubru 2007 mill-attrici A B fejn ippremettiet:

Illi l-kontendenti żżewġu fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija, tmienja u disghin (1998) fil-Kappella tas-Sagra Familja, Bidnija *l/o* Rabat;

Illi minn dan iż-żwieġ, il-konjuġi B ma kellhomx tfal;

Illi l-ħajja konjugali tal-konjuġi B m'għadhiex aktar possibbli minħabba li l-intimat C B rrenda ruħu ħati t'adulterju, abbandun, minaċċi, sevizzi, theddid u nġurji gravi u għaliex iż-żwieġ tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi r-rikorrenti ġiet debitament awtorizzata illi tippreżenta din l-istanza permezz tad-digriet bin-numru ____/__ *(omissis)* mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-tlieta (3) t'Awissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007);

Illi saru diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex tintlaħħaq separazzjoni bonarja, inkluż bil-proċeduri tal-medjazzjoni, iżda dawn ma tawx frott minħabba ntransiġenza da parti tal-intimat. Fil-fatt l-intimat m'attendiex għas-seduti tal-medjazzjoni;

Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba tort esklussivament attribwibbli lill-intimat u senjatament adulterju, abbandun, minaċċi, sevizzi, theddid u nġurji gravi u għaliex iż-żwieġ tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti tgħix separatament mill-intimat żewġha;

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lil martu r-rikorrenti dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tiġi ffissata minn din il-Qorti skond il-meżżi tal-intimat u l-bżonnijiet tar-rikorrenti, pagabbli mill-intimat lill-istess rikorrenti martu fil-ġimgħat jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-intimat sabiex iħallas, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-

fehma tal-Qorti tkun biżżejjed sabiex ir-rikorrenti tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-intimat, skond dawk il-modalitajiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa;

4. Tillikwida u tiddikjara xorta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti;

5. Tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi tal-istess komunjoni tal-akkwisti lill-kontendenti f'dak il-proporzjon u b'dawk il-modalitajiet li jiġu stabbiliti minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi kull att ta' diviżjoni tal-immobbli opportun, f'jum u hin li wkoll jiġu stabbiliti minn din il-Qorti;

7. Tinnomina kuraturi biex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi tal-intimat fuq l-istess att pubbliku ta' diviżjoni;

8. Tiddikjara li l-intimat iddekada minn dawk id-drittijiet tiegħu, kif jiġu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti, u dan a tenur tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili;

9. Tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti għal kunjomha xebba, u ċjoe' Bartolo;

10. Tawtorizza lir-rikorrenti illi tirreġistra ossia tniżżel fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk inkorsi fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kontra l-intimat li jibqa' nġunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi A B u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata preżentata fl-24 ta' Jannar 2008, li permezz tagħha l-konvenut C B eċċepixxa bir-rispett:

Illi huwa minnu li ż-żwieġ ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment iżda dan ġara tort unikament tar-rikorrenti kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;

Illi l-attriċi ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment mingħand l-esponenti u dan għar-raġunijiet komminati fil-liġi;

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut C B u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom dawk tagħhom stess;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta’ Diċembru 2008 li permezz tiegħu ġiet nominata l-Assistenta Ġudizzjarja Dottor Elena Naudi Depasquale biex tisma’ l-provi;

Rat ukoll il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-Avukat imsemmija;

Rat id-digrieti l-oħra tagħha;

Rat ir-rapport tal-espert tekniku l-AIC Alan Saliba nominat bi qbil bejn il-partijiet biex jagħmel l-istimi neċessarji;

Rat ir-rikors tal-attriċi, mhux oppost, li permezz tiegħu talbet li l-ewwel talba tagħha titqies bħala talba għal divorzju *ai termini* tal-artikolu 66F (1) tal-Kodiċi Ċivili;

Rat is-sentenza tal-1 ta’ Ġunju 2012 li permezz tagħha din it-talba ġiet milqugħa;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet awtorizzati mid-digriet tal-25 ta’ Jannar 2013 u l-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Mejju 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li saret trattazzjoni ulterjuri mill-Avukati rispettivi;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja’ ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet; il-konvenut da parti tiegħu jaqbel ma’ dan iżda għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi; dan flimkien mal-kwistjoni tal-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u dwar jekk il-konvenut huwiex tenut iħallas manteniment, huma l-kwistjonijiet li dwarhom il-partijiet mhumiex jaqblu, u dan ġie ndirizzat bi preċiżjoni u kjarezza fin-noti ta’ sottomissjonjiet preżentati u li l-Qorti ma tistax ma tikkummentax favorevolment dwarhom (it-tnejn li huma) għaliex huma eżempju ta’ kif għandhom isiru dawn l-atti. Il-kawża naturalment kienet kontestata fuq dawn il-punti.

**TORT**

**L-attriċi** fl-affidavit tagħha tgħid illi:

*“Fl-ewwel sentejn taż-żwieġ tagħna kollox mexa ħarir u ftit li xejn kien ikollna xi ngħidu. Konna naħdmu t-tnejn u jien minabba li kont naħdem kont nistudja wkoll. Fil-ħajja miżżewġa tiegħi kont irrid inlaħħaq mad-dar, tisjir u tindif. Id-dar li konna ngħixu fiha, senjatament, ____________________ (omissis), kienet inxtrat qabel iż-żwieġ għall-prezz ta’ disat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm9,500) u dan permezz ta’ kuntratt ta’ bejgħ u xiri datat 18 ta’ Lulju, 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono u li kopja tiegħu qed tiġi hawn anness u mmarkata bħala ‘Dok JCC1’. Din id-dar xtrajnijha bil-ħsieb illi tkun id-dar matrimonjali tagħna u fil-fatt hekk ġara. Mill-prezz ta’ din id-dar C ħareġ erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) u jien ħriġt il-kumplament ossia il-bilanċ rimanenti ta’ ħamest elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm5,500). Il-flus li ħriġt jien sabiex tinxtara d-dar tħallsu – l-ewwel elf Lira Maltin (Lm1,000) ma’ l-att tal-konvenju datat 7 ta’ Jannar 1997 u l-erbat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm4,500) mal-kuntratt li sar fit-18 ta’ Lulju 1997. L-istatement tal-bank maħruġ mill-Bank of Valletta fil-31 ta’ Diċembru 1997, u li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala ‘Dok JCC2’, jindika withdrawal ta’ elf Lira Maltin, liema withdrawal sar fis-7 ta’ Jannar 1997, ċjoe’ fil-ġurnata meta sar l-att tal-konvenju, kif ukoll withdrawal ieħor li sar fit-18 ta’ Lulju 1997, data tal-kuntratt, fl-ammont ta’ erbat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm4,500). Fuq il-kuntratt C ħallas is-*

*sehem tiegħu, u ċjoe' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000). Oltre ħamest elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm5,500) jien ħallast ukoll, minn buti, l-ispejjeż tat-taxxi li ammontaw għal Lm998 (disa' mija u tmienja u disgħin Lira Maltin). F'dan ir-rigward qed nannetti kopja, li qed tiġi mmarkata bħala 'Dok JCC3' ta' żewġ cheques, datati 18 ta' Lulju 1997 maħruġ minni stess lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, rappreżentanti ħlas tat-taxxa fuq ix-xiri tal-proprjeta' ta' ________ (omissis). Ulterjorment, jien ħallast ukoll il-kont tan-Nutar, li kopja tiegħu qed tiġi hawn anness u mmarkata bħala 'Dok JCC4', fuq il-kuntratt datat 18 ta' Lulju 1997, li ammontaw għal mija u ħamsa u għoxrin Lira Maltin (Lm125).*

*Snin qabel iż-żwieg, u saħansitra qabel ma bdejt noħroġ ma' C, jien kont xtrajt plot li ġġib in-numru 121, ġewwa _________ (omissis) u dan permezz ta' kuntratt ta' bejgħ u xiri datat 2 ta' Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, u li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok JCC5'.*

*Minħabba li l-plot kienet tal-gvern jien kont marbuta biż-żmien biex nibniha u mmur nabita fiha u għalhekk jien kont nagħmel tlett xogħlijiet biex stajt inġemma biżżejjed ħalli jkolli l-flus sabiex inħallas lill-ħaddiema. Dan kollu sar qabel ma żżewwiġt.*

*Peress illi jien u C xtaqna niżżewġu xtrajna l-post ta' ________ (omissis). Min-naħa l-oħra C ma kienx irid jgħini fil-post ta' _________ (omissis) għax kien jgħidli li dak tiegħi u li hu ma kellux sehem minnu. Kien jgħidli wkoll li ma kienx irid imur jgħix _________ (omissis).*

*Sa qabel ma żżewwiġt, fuq il-plot kont diġa bnejt sal-basement u fil-fatt kienu ġa tpoġġew il-planki li fuqhom kellu jinbena l-kumplament tal-post. Wara ż-żwieġ jien u C konna ftehmna li nkomplu ntellgħu fuq il-basement u hekk ġara. Il-ħlas tal-bini ġie jiswa Lm8,675 (tmint elef, sitt mija u ħamsa u sebgħin Lira Maltin) u dawn kollha kont ħallasthom minn flusi li kont ġemmajt meta kont xebbha. F'dan ir-rigward qed nannetti kopja ta' żewġ dokumenti rappreżentanti materjal u spejjeż tal-bini fl-*

*ammont ta' Lm8,675 (tmint elef, sitt mija u ħamsa u sebgħin Lira Maltin), liema dokumenti qed jiġu mmarkati bħala 'Dok JCC6 u 7'. Stante illi l-post ta' ________ (omissis) huwa ta' proprjeta' tiegħi biss id-dokumenti relattivi għal-bini ta' dan il-post inħarġu f'ismi, kif ukoll fuq kunjom xbubiti, mill-kuntrattur li kien qed itella' l-post ta' ________ (omissis) u eventwalment l-imsemmija spejjeż tħallsu minni stess. Oltre l-imsemmija dokumenti, xiehda ta' min ħallas dawn l-ammonti hemm il-perit Mr. L.A. Gatt, li għandu għamilt il-kuntratt tal-bini mal-bennejja.*

*Sakemm tela' l-post ta' ________ (omissis), fil-ħajja miżżewġa tagħna, ma tantx kien ikollna xi ngħidu bejnietna u kollox kien jidher li miexi sewwa. Iżda l-affarijiet bdew jinbidlu. C kif kien jiġi mix-xogħol xi drabi kien jgħidli li ser imur s'għand ommu. Din il-ħaġa bdiet issir spiss u meta kien jirritorna d-dar jien kont inkun diġa' rieqda. Xi drabi kien ukoll isibha diffiċli biex iqum għax-xogħol u ma kienitx l-ewwel darba li ma marx għax-xogħol. Sadanittant, inżid ngħid illi mhux darba jew tnejn illi kien iqum u joħroġ. Kemm-il darba kont nistaqsih fejn sejjer u kien iweġibni illi kien ser joħroġ, u dan waqt illi suppost kien ikun ix-xogħol. Xi drabi saħansitra kien jiġi t-tabib tax-xogħol tiegħu u ma jsibux id-dar. Ma kienitx l-ewwel darba li qala' charge fuq l-'absentees' tiegħu. Infatti, f'dan ir-rigward qed nannetti kopja ta' ittra, li qed tiġi mmarkata bħala 'Dok JCC8' mibgħuta mill-Korporazzjoni Enemalta fir-rigward ta' charge li qala' C minħabba li ma kienx qiegħed imur għax-xogħol. Jien kont ninkwieta ħafna u kont nisħaq miegħu sabiex jibdel din l-attitudni imma dan kien kollu għalxejn. Darba fost l-oħrajn jien insistejt li jqum għax-xogħol u kien hawn li qam mis-sodda u refa' jdejh fuqi. Jien bil-biża' li jerġa juża l-vjolenza fuqi ddeċidejt li ma nerġax inqajmu darb' oħra.*

*Il-ħruġ ta' fil-għaxija beda jsir rutina ta' kuljum. Darba minnhom iddeċidejt li nibqa' nistennieh sakemm jirritorna lura d-dar u kien hawn li xammejtlu riħa ta' xorb u għaddieli ħsieb li kien qiegħed imur jixrob. Meta staqsejtu kien qalli li kien xorob xi ħaġa mingħand ommur. L-għada, waqt li C ma kienx id-dar, għax qalli li sejjer għand ommu, iddeċidejt li nċempel għand ommu u staqsejtha*

*jekk C kienx hemm. Jien ma tantx kien ikolli ċans inżurhom lill-ġenituri tiegħu u l-kuntatt tiegħi magħhom kien biss bit-telephone. Ommu weġbitni li C ma kienx qiegħed hemm u li dik il-ġimgħa ma kienx resaq lejn id-dar tagħha. Dakinhar niftakar li lanqas għalaqt għajn m'għajn u erġajt stennejtu sa ma rritorna lura d-dar. Meta ġie erġajt staqsejtu fejn kien mar dakinhar u hu weġibni li kien mar għand ommu bħas-soltu u ftit wara mar il-każin. Jien kont ikkonfrontajtu u għidtlu li kont ċempilt għand ommu u li hi kienet ikkonfermatli li l-anqas biss resaq lejn id-dar tagħha. Meta għidtlu hekk ma tantx ha gost u beda jgerger li ma jmissnix ċempilt għand ommu.*

*Minn meta wrejtu li ndunajt li ma kienx qiegħed jgħidli l-verita' l-ħruġ beda jsir aktar bil-kunfidenza fis-sens illi kien iħossu iktar liberu li joħroġ. Kull darba li kien joħroġ lili ma kienx ikun iridni miegħu. Barra minn hekk l-anqas qatt ma kont insibu d-dar meta kont nirritorna lura mix-xogħol.*

*Darba fost l-oħrajn C qabel ħareġ libes f'għonqu ic-chocker li kont xtrajtlu għal-għeluq sninu tal-istess sena, li kien jiswa Lm250 (mitejn u ħamsin Lira Maltin). Meta C rritorna lura d-dar ic-chocker ma kienx għadu f'għonqu. Meta staqsejtu għalih hu weġibni li kien ħallih għand ommu. Jien insistejt biex iċempel lil ommu biex jaċċerta ruħu li verament kien hemm imma dan ma wera l-ebda nteress. Minflok ċempilt jien, u quddiemu, ommu kienet qaltli li dan iċ-chocker ma sabitu mkien id-dar tagħha. Kien hawn li ddeċidejt li nipprova nwaqqfu milli jibqa' joħroġ għax fl-istess xahar kienu ġew żewġt irġiel jistaqsu għalih id-dar. Meta staqsejthom min kienu, huma qaluli li kienu jgħidulhom Ċappetti u ma riedux jagħtuni isimhom. C qatt ma tani spegazzjoni dwar min kienu dawk l-irġiel u għaliex riduh.*

*Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien konna niġġieldu u ma kienitx l-ewwel darba li refa' jdejh fuqi uħabbatli rasi mal-ħajt. Dawn l-inċidenti jien qatt ma rrapurtajthom. C kemm-il darba kisser diversi affarijiet fid-dar meta kien ikun irrabjat. Għand ommu ma kontx inċempel għax ma xtaqtx ninkwetaha u min-naħa l-oħra hu ma kienx iħallini.*

*C kien qalli li għand ommu ma kellix għalfejn inċempel aktar u lilu ma kellix aktar xi rridu.*

*Wara l-imsemmija nċident ta' vjolenza, jien tlabt għall-għajnuna lid-Domestic Violence Unit fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ u li dak iż-żmien kien jinsab "Gattard House" il-Blata l-Bajda. Hemm hekk iltqajt mal-ħaddiema soċjali, s-sinjorina Pauline Mercieca, li bdiet issegwi l-każ tiegħi. Din għenitni ħafna psikoloġikament. Hi talbitni biex ma niżvelax isimha ma' C u kienet qaltli wkoll biex ngħid lil żewġi jibda jieħu l-għajnuna tal-men services. Dan is-suġġeriment kont għaddejtu lil C pero' hu ma riedx jisma' b'dan. It-tentattivi sabiex is-sitwazzjoni titranġa kienu kollha għalxejn għax C ma kellu ebda intenzjoni li jaqta' l-vizzju tax-xorb. Fil-fatt, C dejjem innega li għandu xi tip ta' vizzju u kien qalli li m'għandux problemi bix-xorb. Jien kont inħossni mfarrka psikoloġikament minħabba fih u kont ngħix f'biża' kbira.*

*Matul l-ewwel sentejn taż-żwieġ tagħna C kemm-il darba mar jagħmel xi xogħlijiet ġewwa l-post ta' _______ (omissis) u ġieli saħansitra mar jgħinu ħuh stess. Fost ix-xogħlijiet li għamel nista' nsemmi t-tikħil, mogħdija tad-dawl, invjar u xiri taż-żebgħa li biha eventwalment, u wara li C kien diġa' telaq mid-dar matrimonjali, tbajjad il-post ta' _______ (omissis). Dawn l-ispejjeż li kienu qegħdin isiru fil-post ta' _______ (omissis), u li saru wara li aħna konna diġa' żżewwiġna, ġew imħallsa mill-flus li kellna fl-account komuni mal-Bank of Valletta, liema account ftaħnih wara ż-żwieġ. Minn dan l-account ħallasna l-madum u t-twaħħil tal-istess fl-ammont ta' sitt mija u tmintax-il Lira Maltija (Lm618) u tlett mitt Lira Maltija (Lm300) rispettivament, il-kamra tal-banju fl-ammont ta' elf, mija u sebgħin Lira Maltin, kif ukoll il-kamra tal-banju ż-żgħira fl-ammont ta' ħames mitt Lira Maltin (Lm500). F'dan ir-rigward qed nannetti kopja ta' riċevuti fiskali relattivi għall-ispejjeż imsemmija, li qed jiġu mmarkati bħala 'Dok JCC9 sa 12'. Nixtieq ngħid illi għalkemm dawn l-irċevuti ħarġu f'isem C, l-ħlasijiet rappreżentanti f'dawn l-irċevuti saru mit-tnejn stante illi ħarġu mill-common account tagħna u fil-fatt aħna konna mmorru flimkien sabiex inħallsu.*

*Meta għaddew l-ewwel sentejn miż-żwieġ tagħna, C mhux talli tilef kull interess fil-post ta' _______ (omissis) talli saħansitra tilef kull interess fija wkoll. Fil-fatt, lejn il-post ta' _______ (omissis) C lanqas biss kien baqa' jersaq u ma kienx imur jara fiex waslu l-ħaddiema. C ma kienx baqa' jorqod id-dar miegħi lanqas. Kienu laħqu għaddew ġimgħat u anke xhur u lanqas kien jersaq lejn ________ (omissis). Minkejja dan jien bqajt ngħix ġewwa d-dar ta' Ħal Tarxien waħdi dejjem bil-biża' li jiġi f'nofs ta' lejl xurban u kif ġieli għamel juża l-vjolenza fuqi.*

*Darba fost l-oħrajn meta rritornajt lura d-dar wara ġurnata xogħol indunajt li kien hemm l-affarijiet tiegħu neqsin bħal stereo l-għodda li kellu u anke l-ħwejjeġ kollha tiegħu. Kien hawn li jen ħadt il-parir tas-social worker u mort nagħmel rapport l-għassa. Li kieku ma kelliex l-għajnuna u s-sapport tas-social worker ma kont nasal qatt li nagħmel rapport. Ir-rapport, li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok JCC13', kont għamiltu fl-għassa ta' Raħal Ġdid, quddiem PS 182 – Joseph John Grech (3/E/2241/2001), li da parti tiegħu kien ikkonferma ma' missier C li C kien qiegħed jgħix magħhom ġewwa _______ (omissis). Wara li kien sar dan ir-rapport, C kien ġie jsibni d-dar ta' _______ (omissis) biex jieħu s-sodisfazzjon għalfejn jien kont għamilt rapport l-għassa. C kien iebes ħafna fi kliemu u were li kien ferm irrabbjat għalija. Dakinhar kien qalli wkoll li kien ser ikollu tarbija minn ta' mara oħra u li dan ma kienx ser iġib kunjomu. Meta qalli hekk jien għall-ewwel ħadtu biċ-ċajt. Pero', maż-żmien sirt naf li effettivament meta C qalli dwar it-tarbija, din l-istess tarbija kienet waslet biex titwieled. Minn informazzjoni li għandi, C m'għadux m'omm it-tarbija. Madanakollu, jiena ċerta li huwa verament kellu tarbija – tifel – u dan għaliex diversi nies qaluli li huwa ġieli mar il-każin ta' ________ (omissis) ġewwa _______ (omissis) waqt illi kellu t-tifel miegħu, u qal pubblikament illi dak ibnu. Din it-tarbija ġiet konċepita u twieldet waqt li jien u C konna għadna qiegħdin ngħixu flimkien bħala miżżewġin.*

*Jien kont għamilt ħilti kollha biex infittex nitlaq mid-dar ta' _______ (omissis), billi C kellu aċċess għaliha u kien*

*baqa' jidħol meta jrid bla ma javżani. Jien bqajt ngħix waħdi fil-post ta' _______ (omissis) mill-aħħar ta' Lulju 2001 sal-11 ta' Ottubru 2002, preċiżament meta jien stajt immur nabita ġewwa d-dar ta' _______ (omissis). Il-ġenituri tiegħi għinuni kif setgħu, finanzjarjament, sabiex inkompli nlesti id-dar ta' _______ (omissis). C kien ilu aktar minn sena li qatt ma daħal ġewwa d-dar ta' ________ (omissis) minn mindu saret abitabbli.*

*Kien meta mort ngħix ġewwa d-dar ta' _______ (omissis) li C beda jċempilli fuq il-mobile u jheddidni li kien irid flusu lura. C kien qiegħed jitlobni somma flus aktar milli fil-verita' kien ħareġ hu sabiex xtrajna u rranġajna l-proprjeta' tagħna. Kien talabni Lm15,000 (ħmistax-il elf) u l-post ta' _______ (omissis). C kien jgħidli li jekk ma nagħtihomlux b'rasi jdur.*

*Nixtieq ngħid illi qabel ma bdejna r-relazzjoni tagħna kien hemm darba fejn il-Pulizija għamlu raid ġewwa d-dar t'omm C, li fiha kien għadu jgħix hu wkoll, u dan għaliex huwa kien taħt suspett illi seraq xi car stereos. Fil-fatt waqt ir-raid il-Pulizija ħadu diversi car stereos li kienu fid-dar t'omm C. Dan nafu għaliex qaluli C stess. Wara dan l-inċident C ġieli qalli li kien qiegħed jiġi segwit mill-Pulizija. Dan kollu ma kien jogħġobni xejn u fil-fatt kont għidtlu li jekk irid li nibqgħu flimkien kellu jbiddel l-attitudni tiegħu. F'wiċċi kien jidher li kien qed inbidel. Madanakollu, wara li għadda ftit taż-żmien minn meta żżewwiġna C reġa beda jinbidel fis-sens illi bdejt nerġa' nara fih l-istess attitudni li kellu meta kien għadu ġuvni, u meta fil-fatt kont ġbidtlu l-attenzjoni sabiex jinbidel għaliex ma kontx qed nieħu gost b'dak illi kien qiegħed jagħmel. C, bħal meta kien għadu ġuvni, reġa' beda jixrob, jilgħab il-flus u joħroġ ħafna u dan mingħajri.*

*Apparti dak li diġa' għidt, kien hemm drabi fejn anke kien jiġi joqgħod wara l-bieb tad-dar ta' _______ (omissis) u jheddidni. Jien kont erġajt għamiltlu xi rapporti oħra lill-pulizija u anke darba, saħansitra, ġew il-puliżija d-dar tiegħi sabiex ikeċċuh. Dawn ir-rapporti saru fil-15 ta' Novembru 2002, quddiem PS1102 (6/M/2240/2002) u fis-16 ta' Novembru 2002, quddiem PS 586 (8/R/4200/2002),*

*u kopja tagħhom qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok JCC14 u 15'.*

*C għandu wkoll il-vizzju tal-gambling. Dan qaluli kemm-il darba hu stess, qaluh sħabu, kif ukoll xi nies mill-każin ta' _______ (omissis) ġewwa _______ (omissis), fejn imur hu. Fil-fatt, huwa qatt ma kien ikollu flus. Dejjem jien ġemmajt xi ħaġa tal-flus u allaħares ma kienx hekk. Ta' spiss kien ibiddel il-karozza jew il-mutur. Ħafna mill-flus li ħarġu mill-common account kienu joħorġu għalhekk ukoll, u ċjoe' għal-logħob u sabiex jixtri jew jibdel il-vetturi tas-sewqan. Meta talabni s-somma ta' Lm15,000 (ħmistax-il elf lira Maltin) jien naf fiċ-ċert li riedhom għal-logħob u dan nafu għaliex hu qal dan pubblikament. Madanakollu, minkejja li nsista li għandi nagħtih dawn il-flus kollha, huwa qatt ma pproċeda kontra tiegħi għall-ġbir ta' dawk l-ammonti li qieghed jgħid li huma dovuti lilu minni. F'dan ir-rigward inżid ngħid illi m'hemmx qbil bejni u bejn żewġi dwar l-ammont ta' flus li C għandu jieħu. Jien tal-fehma li in kwantu flus, l-ammont tal-ispejjez li saru matul iż-żwieġ tagħna għandhom jinqasmu nofs bin-nofs ġjaladarba saru matul iż-żwieġ."*

Illi da parti tiegħu **l-konvenut** qal illi:

*"Meta sirt nafha lill-attriċi kienet taħdem fil-general store ta' l-______ (omissis). U meta iżżewwiġna kienet ukoll bdiet tistudja għal ______ (omissis) u għalhekk kienet tqatta' ħafna ħin nieqsa mid-dar għaliex anke kienet tkun ______ (omissis) bil-lejl. Dan fil-fatt kien iwassal biex ġieli lanqas niltaqgħu id-dar peress illi kienet tiġi lura d-dar fil-għodu wara li jiena nkun ħriġt għax-xogħol. Naħseb illi dan il-mod kif konna qed ngħixu kkontribwixxa biex nibdew nitbegħdu minn xulxin.*

*Wara li bdiet tistudja bdejt nosserva illi l-karattru bed jinbidel mil-lejl għan-nhar u bdiet titrattani qisni xi ħadd inferjuri għaliha. Mhux l-ewwel darba illi nidħol lura id-dar mix-xogħol u tkun hemm hi u għaliex ikollna xi argument taqbad il-platt tal-ikel tiegħi u titfgħu bl-ikel b'kollox mal-art. Jien dan l-aġir ma kontx naċċettah u lanqas nittollerah u għalhekk biex nevita aktar konflitt kont nitlaq*

*’il barra. Darba minnhom tazza tal-plastic għar-rasi waqt li kont mimdud fis-sodda.*

*Madwar xi sena u nofs li konna miżżewwġin hija qabdet u firded is-sodod u qaltli li miegħi ma riditx torqod aktar. U hekk fil-fatt għamlet tant li bqajna norqdu f’sodod separati għal madwar sena u nofs sakemm ġejt biex nitlaq mid-dar għaliex ħassejt illi A qed tagħmel minn kollox biex nitlaqha.*

*Fid-dar ta’ _______ (omissis) jiena kont nagħmel ħafna xogħol fosthom insajjar kif naf kemm għalija kif ukoll għal A, naħsel il-ħwejjeġ, naħsel l-art, nimsaħ u nfarfar l-għamara, nixtri l-ikel kollu li jkun hemm bżonn inkluż laham u frott.*

*Wara ftit li tlaqt mid-dar kienet ċemplitli u talbitni mmur ħdejha għaliex kienet ma tiflaħx u jien hekk għamilt. Jiena sibtha marida ħafna u talbitni nixtrilha il-mediċina. Hekk għamilt u perss li kienet waħedha jien xtrajtilha wkoll x’tiekol. Kont ħadt ħsieb ukoll sabiex naħslilha l-ħwejjeġ.*

*Kemm domna ngħixu flimkien jiena kont inħallas il-life insurance tiegħi u tagħha kif ukoll il-maġġor parti mill-kontijiet ta’ dawl u ilma u telephone.*

*Jien ma naqbilx li biex xtrajna il-post ta’ _______ (omissis) A ħarġet Lm5,500 kif qed tallega. Jiena ngħid illi jien ħriġt Lm4,500 u A ħarġet Lm5,000.*

*Meta ffissajna d-data taż-żwieġ hija qaltli li ma riditx tgħid lill-ġenituri tagħha bid-data tat-tieġ u jiena ma kontx qbilt magħha u għidtilha li kien aħjar li tgħidilhom. Pero’ hi baqgħet twebbes rasha tant illi l-libsa tat-tieġ lanqas id-dar tal-ġenituri tagħha ma ħaditha, libsitha u ħarġet għat-tieġ mill-post ta’ ________ (omissis). Ommha pero’ xorta saret taf li ser tiżżewweġ, u meta kelli okkażjoni nkellimha ommha qaltli illi kienet ħadet għaliha li saret taf mingħand il-Kappillan tal-_______ (omissis) u mhux mingħand bintha, u li issa anke jekk tgħidilha biex tiġi t-tieġ ma kenitx tiġi. Din hija l-vera raġuni għaliex il-ġenituri ta’ A*

*ma ġewx għat-tieġ u mhux kif qed tgħid A fl-affidavit tagħha li ma ġewx minħabba fija.*

*Wara li żżewwiġna morna noqogħdu _______ (omissis). A pero' diġa' kienet proprjetarja ta' porzjon art fi _______ (omissis) li kienet xtrat qabel ma kont nafha jien. Għalhekk wara li żżewwiġna konna ftehmna illi niżviluppaw din il-plot bħala dar u meta tkun lesta mmorru noqogħdu fiha.*

*Meta bdejna nippjanaw kif ser niżviluppawha kulma kien hemm ġja' lest kien il-bir imqatta' u l-appoġġi. Jien ħadt ħsieb illi nqabbad kuntrattur biex bena dar fuq din il-plot. Il-kont tiegħu kien tela' madwar LM8,200, il-kuntrattur tana discount ta' Lm400, u l-bilanċ ta' Lm7,800 ħriġthom mill-flus li kont naqla' mix-xogħol peress illi A dak iż-żmien kienet qiegħda tistudja. Qabel beda jaħdem il-kuntrattur, jiena kont qabbadt ħaddiem biex għolla l-appoġġi b'żewġ filati oħra u ta' dan ħallastu Lm280.00.*

*Jien għamilt ukoll ix-xogħol tat-trinek tad-dawl kif ukoll kont ngħin lill-electrician jgħaddi d-dawl. Lill-electrician jien ħallastu Lm300 talli għadda d-dawl. Infaqt madwar Lm200 biex xtrajt il-materjal li jinkludi main switch board, plugs, aċċessorji, wires, il-plugs kollha MK li jiswew il-flus.*

*Wara qabbadt ukoll kaħħal li ksieli s-soqfa, washroom minn barra u minn ġewwa, u ħallast is-somma ta' Lm450 lill-kaħħal. Jien pero' xtrajt il-materjal kollu għat-tikħil li kien ilaħħaq madwar Lm200.*

*Qabbadt ukoll persuna biex tagħmel il-faċċata tal-post fuq il-fil u ta' dan ħallastu Lm400 oltre li xtrajt żewġ tankijiet spirtu li jiswew Lm50.*

*Għamilt ukoll il-kontro bejt u ħallast Lm450 lill-kuntrattur bil-laqam ________ (omissis). Jiena u missieri poġġejna il-ġeblo qabel il-kontro bejt. Il-jablo u nofs tank qatran xtrajthom madwar Lm120.*

*Il-ħitan ta' ġewwa qabel ma ġew miksija ġew unvjati u ta' dan ħallast Lm220.*

*Biex is-sistema tad-drenaġġ tal-post tgħaqdet ma' dik pubblika l-ispiża ġiet madwar Lm220 li wkoll ħallast jien.*

*Ħallast ukoll għall-bieb tal-garaxx kif ukoll għall-bieb tal-basement kif ukoll 'pregnant window', l-ispiża telgħet Lm360. L-aluminium tal-post kollu plus il-gallarija ħallast is-somma ta' madwar Lm600. Is-set tal-kamra tal-banju infaqt Lm1,200. Il-madum tal-post tal-art kollu infaqt is-somma ta' madwar Lm430. Iż-żebgħa ta' ġewwa nfaqt is-somma ta' Lm120 filwaqt li għaż-żebgħa ta' barra infaqt Lm40.*

*Il-planki li xtrajt mingħand Attard Bros ġew jiswew Lm1,200 u dawn ħallasthom ukoll jien.*

*Jiena għalhekk qed nippretendi sehmi skond il-liġi tal-ispiża globali li għamilt kif nitħallas tax-xogħol manwali estensiv li jiena għamilt f'dan il-post inkluz ġarr ta' ramel u xkatlar.*

*A barra li kienet kontinwament tillatika mal-familja tagħha kien ukoll bdiet tiġġieled mal-familja tiegħi tant li ma baqgħetx tiġi d-dar t'ommi. Tant kienet bdiet toħloq inkwiet ma' kulħadd li la riedet tmur it-tieġ ta' ħija u lanqas it-tieġ ta' ħuwha. U hekk ġara. Ma morna l-ebda wieħed minnhom. Prattikament iġġieldet ma' kulħadd.*

*Tant jiena kont sew ma' familtha li ħuha riedni nkun il-bestman fit-tieġ tiegħu. Meta A saret taf b'dan irvillat u bdiet tgħid lil ħuwha li ma tridx li jiena niġi nidher fil-video tat-tieġ tiegħu. Dan juri li mhux veru li jiena kelli xi ġlied mal-familja tagħha iżda kienet hi li kontinwament toħloq il-problemi ma' kulħadd. Darba missierha offrieli biex naħdmu l-għamara flimkien u wara ftit ġiet hi opponiet ghal din l-idea.*

*Fl-aħħar argument li kellha m'ommha A kienet qaltilha li mhux sejra aktar id-dar tal-ġenituri tagħha u fil-fatt hekk għamlet. Ommha saħansitra qaltli li allavolja bintha ma riditx tmur għandha jekk ridt jiena tajt xorta waħda nibqa'*

*mmur. Naturalment jiena ma mortx biex ma noħloqx aktar konflitti ma' A."*

Illi kif ġja' ngħad u jidher mill-affidavits, il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ madankollu l-Qorti ma jidhrilhiex li għandu jkun hemm dubju li huwa l-konvenut li l-aktar jaħti f'dan l-aspett. Huwa jammetti (fol. 228) li kellu relazzjoni ma' mara oħra u anke kellu tarbija mingħandha.

Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha illi tenut kont ta' kollox kien it-tradiment konjugali tiegħu li kien l-akbar addebitu biex tfarrak iż-żwieġ. Kif ġie ritenut fil-kawża riportata fil-**Vol. XXXVII-ii-693**, *"l-adulterju dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-Qorti tawtorizza s-separazzjoni personali."* Wara kollox fir-rigward tal-attriċi m'hemmx l-iċken addebitu fir-rigward. Hemm lok ukoll allura għall-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut.

**MANTENIMENT**

Illi għandu jingħad illi l-partijiet it-tnejn jaħdmu u l-attriċi f'ebda ħin ma għamlet xi talba biex tiġi akkordata manteniment. Għalhekk ċertament ma għandha ebda bżonn impellenti għal dan u jidher li għaddejja tajjeb bis-salarju tagħha. Il-Qorti pero' trid tagħmilha ċara li dan ma jfissirx li hija ddekadiet minn dan id-dritt iżda sempliċement ma hemmx lok għal deċizjoni dwar il-kwistjoni; kwindi se tordna ħlas ta' manteniment nominali ta' ħames Ewro (€5) fix-xahar.

**PROPJETA'**

**(Beni mmobbli)**

L-uniku proprjeta' mmobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti hija d-dar matrimonjali ________________________ *(omissis)* li l-partijiet xtraw flimkien fl-1997 (qabel iż-żwieg) permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Joseph Debono. Din ġiet stmata tmienja u erbgħin elf Ewro (€48,000) mill-perit tekniku u għandha tinbiegħ a bazi ta' dan il-prezz. Qamu kwistjonijiet sostanzjali dwar spejjeż magħmula mill-partijiet f'din id-dar u fid-dar parafernali tal-attriċi li hija xtrat fl-1994. Fil-

konklużjonijiet tiegħu l-perit imsemmi kkonkluda wkoll li l-konvenut għamel xogħlijiet b'kemm jiswew erba' mija disgħa u tmenin Ewro (€489) fid-dar matrimonjali fl-1997, fil-waqt li saru xogħlijiet b'kemm jiswew tmienja u tletin elf mija u sittax-il Ewro (€38,116) fid-dar tal-attriċi (dawn saru waqt iż-żwieġ fl-2000 jew 2001). Xogħol li sar mill-attur fl-istess proprjeta' u dejjem matul iż-żwieġ ġie stmat fis-somma ta' tliet elef, tliet mija erbgħa u ħamsin Ewro (€3,354). Il-Qorti ser tistrieħ fuq l-ammonti likwidati mill-espert għas-soliti raġunijiet kif espressi fis-sentenza mogħtja riċentement minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Cutajar vs Ciappara"**;

Illi normalment, il-Qorti fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi ma jkollix għalfejn ma taddottax u ma tagħmilx tagħha l-konklużjonijiet tal-espert tekniku. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża deċiza fit-23 ta' Ġunju 1967 fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat et"** *"għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet tagħha nnifisha, u l-konklużjonijiet peritali bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit-tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta' lilha mogħitja b'talba ta' nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke' ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu taċ-ċirkostanzi irraġonevoli".* Bl-istess mod hija deċiża l-kawża fl-ismijiet **"Philip Grima vs Carmel Mamo et"** deċiża mill**-** (Qorti tal-Appell, 29 ta' Mejju 1998) – (ara wkoll **"Josephine Micallef vs Louis Zammit"**, deċiża fil-11 ta' Ottubru 2010 minn din il-Qorti).

Illi l-Qorti taqbel ukoll li l-ammont applikabbli huma l-ħlasijiet u l-valuri ta' dak iż-żmien u mhux ta' issa.

Illi l-attur qed jippretendi wkoll ħlas tal-apprezzament tal-valur tad-dar tal-attriċi iżda naturalment din il-pretensjoni ma għandha ebda fundament legali; huwa qed jitlob li jitħallas ukoll il-valur **kollu** tax-xogħlijiet li saru fiha. Dan ukoll ma għandux fundament legali għaliex ladarba l-ħlas sar fiż-żwieġ huwa fil-fatt ħareġ nofs dak l-ammont; in-

nofs l-ieħor sar mill-attriċi bħala s-sehem tagħha mill-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk il-konvenut għandu jirċievi bħala ħlas għall-ispejjeż u xogħol fid-dar imsemmija s-somma ta' għoxrin elf seba' mija u ħamsa u tletin Ewro (€20,735) u ma' dawn jiżdiedu l- erba' mija disgħa u tmenin Ewro (€489) msemmija; b'kollox wieħed u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u għoxrin Ewro (€21,224).

Illi l-attriċi da parti tagħha għandha tieħu erbat elef, ħames mija wieħed u sittin Ewro (€4,561) li hija ħarġet aktar mill-attur għall-akkwist tad-dar konjugali u li mhumiex kontestati. Dawn inħarġu **qabel** iż-żwieġ u kwindi għandhom jiġu restitwiti kollha lilha.

**(Beni mobbli)**
Il-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom; iżda peress li huma ilhom iżommu kontijiet separati ikun aħjar u konvenjenti għalihom li kull parti żżomm il-kontijiet intestati f'isimha.

Illi l-partjiiet indikaw ukoll xi oġġetti mobbli li dwarhom hemm ċerta indifferenza dwar min se jżommhom u min se jitħallas; l-attriċi hija l-aktar disposta żżommhom u l-Qorti taqbel li hija għandha tagħmel dan u tħallas ħames mitt Ewro (€500) lill-attur kif suġġerit minnha; il-valur indikat mill-konvenut jidher minfuħ ladarba l-oġġetti huma wżati.

**DIVORZJU**
Kif ġja' ngħad l-attriċi talbet li t-talba tagħha għal separazzjoni tinbidel għal waħda ta' divorzju skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili. Billi ndubbjament jeżistu r-rekwiżiti kollha biex it-talba tintlaqa', u anke peress li ma saret ebda oppożizzjoni mill-konvenut – anzi dan qabel mat-talba, il-Qorti se tilqa' l-istess talba.

**DEĊIŻJONI**
**Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi din il-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ skond l-artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili b'tort tal-konvenut, u tordna lid-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirreġistra dan skond il-liġi;**

**2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba *stante* l-applikazzjoni tal-artikolu 66 imsemmi;**

**3. Tordna li l-konvenut b'effett mill-1 ta' Awissu 2013 iħallas manteniment ta' ħames Ewro (€5.00) fix-xahar lill-attriċi;**

**4. Fir-rigward tar-raba' u l-ħames talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-fond numru __________________________ *(omissis)* (a bazi tas-somma ta' tmienja u erbgħin elf Ewro (€48,000) kif stmat mill-perit tekniku, u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet fi kwoti ugwali; tordna lill-attriċi tħallas lill-konvenut is-somma ta' wieħed u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u għoxrin Ewro (€21,224), mentri l-konvenut min-naħa tiegħu dovut iħallas lill-attriċi s-somma ta' erbat elef ħames mija u wieħed u sittin Ewro (€4,561) fi żmien tliet xhur wara l-bejgħ imsemmi; il-kontijiet kollha bankarji lokali f'isem il-partijiet għandhom jiġu assenjati lil min huma intestati; iżda dawk intestati konġuntivament, kif ukoll bonds, poloz ta' assikurazzjoni u investimenti oħra kollha f'Malta kemm f'isem il-partijiet waħedhom jew konġuntivament għandhom jinqasmu f'sehem indaqs bejniet il-kontendenti; tordna lill-attriċi tħallas ħames mitt Ewro (€500) lill-konvenut u tawtorizzaha żżomm l-oġġetti msemija a fol 316, u ċjoe' s-sufan *three seater* tal-*cane*, il-*wall unit* tal-*cane*, *water heater* tal-50 litru, tlett ċilindri tal-gass u linfa antika; ***

**5. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitta u s-seba' talba;**

**6. Tilqa' t-tmien talba;**

**7. Tilqa' d-disa' talba;**

**8. Tilqa’ l-għaxar talba okkorrendo;**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-konvenut ħlief dawk tal-perit tekniku li jibqgħu ndaqs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

---

* U b’digriet tat-30 ta’ Lulju 2013 ir-raba’ paragrafu fil-parti dispożittiva tas-sentenza ġie kkoreġut biex jaqra:

*4. Fir-rigward tar-raba’ u l-ħames talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna l-bejgħ b’liċitazzjoni tal-fond numru ____________________________ (omissis) (a bazi tas-somma ta’ tmienja u erbgħin elf Ewro (€48,000) kif stmat mill-perit tekniku, tordna li mir-rikavat l-attriċi tippreleva s-somma ta’ erbat elef, ħames mija u wieħed u sittin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€4,561.15) rappreżentanti kreditu parafernali tagħha, l-intimat jippreleva s-somma ta’ erba’ mija u disgħa u tmenin Ewro (€489), rappreżentanti kreditu parafernali tiegħu, u l-bilanċ jinqasam bejn il-partijiet fi kwoti ugwali; tordna lill-attriċi tħallas lill-konvenut is-somma ta’ għoxrin elf, seba’ mija u ħamsa u tletin Ewro (€20,735) fi żmien tliet xhur wara l-bejn imsemmi; il-kontijiet kollha bankarji lokali f’isem il-partijiet għandhom jiġu assenjati lil min huma intestati; iżda dawk intestati konġuntivament, kif ukoll bonds, poloz ta’ assikurazzjoni u investimenti oħra kollha f’Malta kemm f’isem il-partijiet waħedhom jew konġuntivament għandhom jinqasmu f’sehem indaqs bejniet il-kontendenti; tordna lill-attriċi tħallas ħames mitt Ewro (€500) lill-konvenut u tawtoriżżaha żżomm l-oġġetti msemija a fol 316, u ċjoe’ s-sufan three seater tal-cane, il-wall unit tal-cane, water heater tal-50 litru, tlett ċilindri tal-gass u linfa antika;*

---------------------------------TMIEM---------------------------------